**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Moghti nhar il-Erbgha 27 ta' Jannar 2021**

**Mandat Numru : 189/2020/2 JPG**

**AE**

**Vs**

**HE**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat ta' AE datat 21 ta' Dicembru 2020, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti ghandha interess illi l-minuri hawn taht imsemmija ma jittiehdux barra minn Malta;*

*Illi l-intimat huwa persuna li ghandu, jew li jista' jkollu il-kustodja legali jew attwali tal-imsemmija minuri;*

*Illi l-esponenti pprocediet b'medjazzjoni, biex apparti s-separazzjoni tal-partijiet, jigu rregolati wkoll il-kura u l-kustodja, l-access tal-minuri B li twieled nhar X, C li twieled nhar Y u D li twieldet nhar Z;*

*Illi l-partijiet izzewgu nhar it-12 ta' Settembru 2003 u miz-zwieg taghhom twieldu tliet ulied kif spjegat iktar 'il fuq, ir-ritratti ta' liema huma hawn annessi u mmarkati Dok A u B rispettivament;*

*Illi z-zwieg tal-partijiet sfaxxa fix-xejn minhabba ragunijiet imputabbli lil konvenut;*

*Illi effettivament r-rikorrenti ma kellhiex alternattiva ohra hlief li fil-11 ta' Dicembru 2020 tmur tghix fid-dar tal-genituri taghha u dan ghas-sigurta' taghha stess wara li l-konvenut ordnalha biex titlaq il-barra mid-dar matrimonjali u tiehu lil binthom maghha.*

*Illi B u C qeghdin jghixu mal-konvenut. Tajjeb li jinghad li B li minkejja li ghandu Y, madanakollu il-mohh tieghu ma huwiex zviluppat u ghalhekk huwa ma jistax jiehu decizjoijiet li kapaci jiehdu persuni ta' Y. Fil-fatt B ghadu innocenti hafna u certament li ma huwiex kapaci li jaghraf il-hazen li toffri d-dinja.*

*Illi minkejja li D fil-prezent tghix mar-rikorrenti dan il-mandat huwa mehtieg sabiex jkun assigurat li l-minuri ma tinharigx minn Malta.*

*Illi stante li l-konvenut huwa ta' Nazzjonalita` L, mhux l-ewwel darba li hedded lill-esponenti bl-ulied, illi l-konvenut anke ried jiehu lir-rikorrenti ghand Nutar biex tiffirma l-konvenju tad-dar matrimonjali sabiex kif stqarr hu stess jitilqu lejn il-L, illi qieghed jinsisti mar-rikorrenti li wliedu ghandhom jitilqu mieghu lejn il-L u ghalhekk ir-rikorrenti ghandha biza reali li huwa jista' jahrab bit-tliet ulied minuri;*

*Illi in oltre, l-esponent m'ghandhiex hjiel dwar jekk l-intimat applikax u ottjeniehx wahdu minghajr il-kunsens taghha, passaport L ghall-minuri; u jekk dan huwa l-kaz, dan ifisser illi huwa ma jehtiegx il-firma tal-esponenti biex ikun jista' jallonta ruhu mill-Gzejjer Maltin;*

*Illi stante l-agir tal-konvenut, l-esponenti ghandha bizgha reali li zewgha ser jipprova johrog lill-minuri mill-Gzejjer Maltin u jallonta ruhu permanentement bl-istess;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat fejn huwa jigi ordnat*

*milli jiehu lil minuri barra mill-Gzejjer Maltin jew jippermetti lil xi hadd jiehu l-imsemmija minuri barra minn Malta.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat d-digriet ta' din il-Qorti in segwitu tat-talba tad-Direttur (Registrazzjoni Civli) bhala Ufficjal inkarigat mill-ghoti tal-Passaporti u l-Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni, datat 22 ta' Dicembru 2020, li permezz tieghu l-genituri gew ordnati jiddepozitaw il-passaporti tal-minuri taht l-awtorita taghha;

Rat ir-risposta ta' HE datata 29 ta' Dicembru 2020, a fol 15 et seqq., li taqra hekk:

*Preliminari*

1. *Din hija r-risposta tal-istanti ai termini tal-artikolu 877 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, f'liema rikors ir-rikorrenti talbet lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex toħroġ mandat ta' inibizzjoni kontra l-esponenti fejn huwa jiġi ordnat milli jieħu lill-minuri barra mill-Gżejjer Maltin jew xi ħadd jieħu l-imsemmija minuri barra minn Malta.*

2. *It-talbiet tal-attriċi huma kompletament inveritiera u fiergħa. L-istanti qatt ma hedded lir-rikorrenti illi huwa ser jieħu bil-minuri barra minn Malta mingħajr il-kunsens tagħha. Għal kuntrarju, l-istanti m'għandu l-ebda ħsieb li jitlaq mill-Gżejjer Maltin b'mod permanenti u dan minħabba diversi impenji tiegħu u tal-minuri ġewwa Malta.*

3. *M'hemm l-ebda raġuni, prima facie skont il-liġi, li għaliha dina l-Onorabbli Qorti għandha tilqa' it-talba tar-rikorrenti biex jinħareġ mandat ta' inibizzjoni kontra l-istanti.*

4. *L-istanti qiegħed joġġezzjona għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni u dan għal diversi raġunijiet li ser jiġu pprovduti f'din ir-risposta.*

*Fatti*

5. *Il-partijiet iżżewġu nhar it-12 ta' Settembru, 2003 u minn dan iż-żwieġ huma għandhom 3 itfal – B li twieled nhar X, C li twieled nhar Y u D li twieldet Z.*

6. *L-istanti ilu jgħix Malta għoxrin sena u m'għandu l-ebda intenzjoni li jmur jgħix barra minn Malta - huwa stat ta' fatt li l-istanti qiegħed irabbi lil B u C; huwa m'għandu l-ebda l-intenzjoni jew pjan li jeħodhom il-bogħod mill-ambjent abitwali tagħhom.*

*Prima Facie*

7. *F'dawn il-proċeduri, il-Qorti trid teżamina jekk, "it is satisfied that such warrant is necessary in order to preserve any right of the person suing out the warrant, and that prima facie such person appears to possess such right." Kif ġie diskuss fil-kawża, Associated Supplies Ltd vs. Joseph Mizzi , "Il-Qorti tibda biex ittenni l-principju li jirregola proceduri ta' din ix- xorta, u cjoè li l-iskrutinju li jehtieg li jsir minn din il-Qorti f'dan l-istadju huwa essenzjalment wiehed fuq livell ta' prima facie. Il-mertu jigi mistharreg u evalwat fil-kawza bejn il-partijiet. Dan ifisser illi f'dawn il- proceduri, il-Qorti ma tkun bl-ebda mod qed tippronunzja ruhha fuq fatti u fehmiet dwar il-vertenza, kemm jekk tigi milqugha t-talba odjerna, kemm jekk tigi michuda."*

8. *Kif ġie ritenut fil-Qorti tal-Appell, fil-kawża Grech pro et noe vs Manfre deċiża nhar l-14 ta' Lulju, 1988, "...huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma'l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat".*

9. *Fl-umli fehma tal-istanti, ma hemm l-ebda bażi prima facie għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni. L-istanti huwa ġenitur responsabbli li bħal dejjem, ħa ħsieb it-tfal tiegħu u l-ispejjeż kollha tal-familja kollha. Għandu jingħad li fil-passat, il-partijiet qatt ma kellhom kwistjonijiet bħal dawn meta l-istanti ivvjaggaw bit-tfal barra minn Malta mar-rikorrenti. Filfatt, it-tfal dejjem irritornaw Malta fid-data miftehma.*

10. *Fl-umli fehma tal-istanti, in-nazzjonalita tal-partijiet m'għandix titqies f'dawn il-proċeduri għaliex illum 'il ġurnata l-istanti għandu ċittadinanza Maltija u ilu għal dawn l-aħħar għoxrin sena jirrisjedi ġewwa Malta. Huwa ġie Malta propju sabiex jistabbilixxi d-domiċilju tiegħu, biex b'hekk ikollu iktar opportunitajiet minn dak li jista' joffri pajjiżu.*

11. *Fir-rikors odjern, ir-rikorrenti tallega illi hija għandha biża reali li l-istanti ser jieħu lill-minuri l-L u li "anke ried jiehu lir-rikorrenti għand Nutar biex tiffirma l-konvenju tad-dar matrmionjali". Dan huwa biss tentattiv viljak sabiex ir-rikorrenti tipprova tizvija lil dina l-Onorabbli Qorti.*

12. *Filfatt, l-esponenti jirrileva illi qabel mar-rikorrenti ma' infurmat lill-esponenti dwar il-proċeduri ta' separazzjoni, il-kontendenti kienu ftehmu illi huma ser ibiegħu d-dar matrimonjali (huma kienu diġa sabu xerrej prospettiv). L-intenzjoni tal-kontendenti kienet illi huma ser jbiegħu d-dar matrimonjali u imbagħad jerġu jiġu lura Malta. Huma kienu diġà sabu kirja ġewwa n-Naxxar biex meta jaslu lura Malta ikollu residenza. Jingħad li din ma kinitx l-ewwel okkażjoni li l-familja tagħhom jmorru l-L biex iżuru l-familjari tal-esponenti.*

13. *Ġara illi wara li kienu ftehmu ġurnata u ħin meta ser imorru għand in-Nutar sabiex jiffirmaw l-istess konvenju, meta waslu għand in-Nutar, ir-rikorrenti, għar-raġunijiet inspjeggabli infurmat lill-istanti illi hija mhux ser tiffirma l-konvenju u li ser tmexxi bis-separazzjoni. Ir-risposta tal-istanti kienet propju illi huwa dispost li jipprova jasal għas-separazzjoni bonarja. Ftit tal-ġranet wara, l-esponenti rċieva l-mandat odjern.*

14. *L-esponenti jaċċenna illi fl-ebda ħin huwa qatt issuġerixxa illi sejjer, b'mod permanenti l-L. Dan kollu jista' jiġi ikkonfermat mit-tfal stess. Fl-ebda ħin ma sar id-diskors illi l-esponenti kien ser jieħu l-minuri barra minn Malta mingħajr il-kunsens jew l-awtorizzazzjoni tar-rikorrenti.*

*Konnessjonijiet ma' Malta*

15. *Fir-rikors tal-mandat ta' inibizzjoni, ir-rikorrenti tallega illi hija għandha biża li l-istanti jitlaq bil-minuri barra minn Malta a bażi li huwa għandu*

*nazzjonalita L. Kif ir-rikorrenti hija ben konsapevoli, l-istanti għandu diversi impenji f'Malta li minnhom jidher ċar u bla dubju x'inhi l-intenzjoni vera tiegħu, u ċioe li jkompli jgħix Malta ma' uliedu.*

16. *F'dan l-aspett, il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja, fil-kawża M.G. vs J.B. deċiza nhar it-3 ta' Diċembru, 2018, għamlet referenza għal diversi sentenzi u riteniet illi,"Il-ligi thares il-jedd prima facie bhala rekwizit mehtieg għall-hrug tal-Mandat. Irid ghalhekk ikun jedd, albeit biss wiehed fuq bazi ta' prima facie, li jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun sempliċi diffikulta', disagju jew thassib . Il-Qorti taghraf ukoll illi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali ."*

*Konkluzjoni*

17. *Bħala konklużjoni, l-intimat qed joġġezzjona għall-ħruġ ta 'dan il-mandat ta' inibizzjoni u dan peress li m'hemm l-ebda element prima facie skont il-liġi li għalih din l-Onorevoli Qorti għandha tilqa din it-talba għal mandat ta' inibizzjoni li għandu jinħareġ kontra l-istess intimat. Il-konvenut dejjem aġixxa in bona fede, informa lir-rikorrenti dwar kwalunkwe vjaġġar mal-minuri u kiseb il-kunsens u l-awtorizzazzjoni tagħha qabel kull vjaġġ.*

18. *Previa għal kull sottomissjonijiet ulterjuri li jistgħu jsiru waqt is-smigħ ta' dan il-mandat quddiem din l-Onorabbli Qorti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghat it-trattazzjoni tad-difensuri legali tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

**AE in ezami** xehdet illi hi u l-konvenut zzewgu hawn Malta u ghandhom tlett itfal, B li ghandu X, C li ghandu Y u D li ghandha Z snin u huma kollha mwielda Malta. L-attrici tispjega illi t-tifel il-kbir m'ghandux dik il-maturita' li wiehed jippretendi minn guvni ta' dik l-eta' u li anke kienu rawh xi tobba, illi pero' dawn ir-rapporti tilfithom peress li kienet hallithom warajha l-L minn fejn kienu harbu minnhabba l-gwerra. Tixhed illi qabel ma huma marru l-L, huma kienu jghixu l-Hamrun u li meta zzewwgu fil-bidu marru jghixu ghand ommha. Isostni illi fit-2013 ir-ragel kien iddecieda li jmorru l-L fejn ghamlu sena izda meta inqala' l-inkwiet il-L hi u t-tfal gew lura Malta.

Mistoqsija ghaliex qieghda tibza li l-konvenut ser jiehu lit-tfal, l-attrici tirrileva illi sakemm kienu il-L ma kienx ihalliha tinzel lura bit-tfal Malta peress li f'dak il-perjodu hi kienet tigi taghmel xi gimgha biex tiehu lura xi ikel ghall-kbir peress li huwa celiac, ghaliex l-intimat kien jahseb illi kienet ser tibqa' Malta u ma tergax tirritorna bit-tfal il-L.

Ghar-rigward il-proceduri odjerni, l-attrici tixhed li inizjalment zewghha kien qalilha biex ibieghu il-post tal-Marsa u jmorru jghixu n-Naxxar. Maz-zmien hi pero' bdiet tiskopri affarijiet ohra minghand uliedha u cioe' li l-konvenut ried li jbiegh id-dar matrimonjali taghhom ghaliex ried imur lura l-L. L-attrici tispjega illi l-intimat ma kienx qalilha b'dan il-pjan u saret taf mingahnd uliedha. L-attrici tirrakonta kif zewgha ried li jmorru ghand nutar biex jaghmlu l-konvenju izda hi ma riditx tiffirma u filfatt meta kienu ghand in-nutar ma kinitx iffirmat. Izda meta hija infurmat lill-zewgha li hi ma xtaqitx li tmur lura, l-konvenut beda jargumenta maghha. Tispjega illi d-decisjonijiet li jirrigwardaw il-familja dejjem hadhom l-konvenut. Prezentement l-attrici qeghda tghix ghand ommha flimkien mat-tifla taghha D.

In **kontro-ezami** mistoqsija jekk kienux sejrin il-L fuq btala, l-attrici tikkonferma illi zewgha qatt ma qalilha li ser imorru vaganza imma li ried li jbiegh id-dar taghhom tal-Marsa u jixtri dar il-L u li jinzlu Malta biss ghal *holiday*. L-attrici tispjega illi fil-bidu lilha kien qalilha li kienu sejrin jghixu n-Naxxar imma wara ndunat li l-iskop tieghu kien li jbieghu d-dar u jmorru jghixu il-L. Mistoqsija kif kienet taf l-iskop tar-ragel u jekk kelmitux fuq dan, l-attrici ssostni li ilha mal-intimat tmintax (18) – il sena, izda hu maghha ma jitkellimx u jaghmel kollox wahdu. Ix-xhud tikkonferma ukoll illi meta kienu tkelmu fuq il-bejgh tad-dar u hi kienet issugerit li jaqsmu l-flus, il-konvenut kien qalilha biex jekk trid nofs il-flus titkellimha mat-tfal. Ix-xhud tikkonferma li meta marru ghand in-nutar hija rrifjutat li tiffirma u cemplet l-omma biex tmur ghat-tfal. Tafferma ukoll li l-passaporti tat-tfal kienu fil-pussess taghha u li it-tlett passaporti kienu skaduti u issa fil-pussess tal-Pulizija. Konfrontata bir-raguni ghall-intavolar ta' dawn il-

proceduri, l-attrici iddikjarat illi ma kinitx taf x'kien lest illi jaghmel il-konvenut. In **ri-ezami** l-attrici tispjega illi s-subien prezentement qeghdin jghixu ma' missierhom u it-tifla qeghda tghix maghha peress li meta ma rieditx taccetta li tiffirma l-konvenju, l-konvenut kecciha mid-dar matrimonjali u qalilha biex tiehu lit-tifla maghha.

**HE in ezami** jixhed illi huwa dejjem ha hsieb il-famija u li dejjem fittex l-ahjar ghall-familja tieghu. Il-konvenut jispjega illi dan kollu mhux gej minghand il-mara tieghu imma minghand omm il-mara. Izid li huwa ilhu jghix Malta ghoxrin (20) sena u m'ghandu l-ebda intenzjoni li jitlaq u jiehu t-tfal. Jixhed illi kien huwa stess li baghat lit-tfal lura Malta meta nqalghet il-gwerra l-L mentri hu ghamel sena ulterjuri l-L biex jara kif ser tizvolgi is-sitwazzjoni u sussegwentement irritorna Malta. Zied jghid li t-tfal, bhalu, ghandhom cittadinanza doppja u cioe dik Maltija u dik L.

Jikkonferma illi l-passapori tat-tfal huma skaduti u validi biss ghal sentejn u li minn kemm ilhom lura Malta ma regax gedded il-passaporti taghhom. Xehed li t-tfal m'ghandhomx passaporti L u biex dawn jinhargu jridu jmorru l-L. Ikkonferma li ma jistax jinhareg passaport L ghall-minuri f'Malta. Rigward l-access, il-konvenut jikkonferma illi s-subien qeghdin jghixu mieghu u li l-attrici tarahom fejn u meta trid, u li hu mhux ser izommhom milli jarawha. Jispjega illi t-tifla ikellimha fuq il-*mobile* u li jaghmlu *video calls* u li mar jaraha fil-bidu tas-sena.

**In kontro-ezami** mistoqsi fuq episodju fejn il-konvenut ma kienx halla lit-tifel jibqa' m'ommu, il-konvenut jikkonferma dan u spjega illi huwa ma kienx halla lit-tifel imur ghand **iz-zija** peress li din, minflok ppruvat tghin lill-partijiet, ppruvat tkisser lill-partijiet billi imliet mohh it-tfal. Il-konvenut jispjega illi originarjament it-tfal kellhom imorru flimkien ma ommhom f'xi farm izda effettivament kien inbiddel il-pjan u kien ghalhekk li zamm lit-tifel milli jmur ghand iz-zija. Il-konvenut jinnega li kien hu li ddecieda li jmorru l-L imma li kienet decisjoni li haduha flimkien bla glied. Mistoqsi dwar min jiehu d-decisjonijiet magguri fid-dar, l-konvenut iwiegeb illi dawn jittiehdu l-aktar minnu ghaliex il-mara tieghu "***99% ma ghandhiex fehema tal-hajja kif miexja, ma tifhem xejn***" u li l-piz tal-kwistjonijiet ta' bankek u loans jerfghu wahdu. Il-konvenut jixhed illi hu ghamel hmistax (15) – il sena jahdem fil-kostruzzjoni u li issa ilhu hames (5) snin *taxi driver* u *delivery.* Jikkonferma wkoll li huwa ried li jbiegh id-dar u jmorru flimkien il-L, izda li l-mara tieghu kienet qaltli li trid tahsibha l-ewwel. Hu jinsisti illi l-mara kienet ser taccetta izda gara li marret ghand ommha fejn ghamlet jumejn u meta giet lura inbiddel kollox. Jispjega illi imbaghad ma kienitx accettat imma li kienet ser taccetta u dawret

kollox wara li marret ghand ommha. Il-konvenut jafferma illi gialdarba l-attrici ma rieditx tmur il-L, iddecieda li joqghodu hawn ghaliex ma jridx li jaqsam il-familja.

**Ikkonsidrat:**

Skont l-ewwel u t-tieni sub-inciz tal-Artikolu 877 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta:

> "***(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' wkoll jinħareġ biex iżomm persuna milli tieħu persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.***
>
> ***(2) Il-mandat għandu jiġi notifikat lill-persuna jew persuni li jkollhom, jew li jista' jkollhom, il-kustodja legali jew attwali tal-persuna ta' taħt l-età u jkun jordnalhom biex ma jiħdux, jew iħallu lil xi ħadd jieħu, lil dik il-persuna ta' taħt l-età barra minn Malta.***"

Il-Qorti taghraf illi fir-rigward tal-mandat ghal inbizzjoni tal-partenza ta' minuri, jghoddu ir-regoli u principji generali stabbilit ghall-mandati ta' inibizzjoni generali.

Fi proceduri ghall-hrug ta' mandat kawtelatorju, inkluz il-mandat t'inibizzjoni ta' partenza ta' minuri, ir-rikorrenti ghalhekk jehtieglu jissodisfa zewg elementi:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu;

U **fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Anke jekk rikorrent ghandu jedd *prima facie* x`jigi tutelat, il-grad ta` pregudizzju li jkun se jgarrab jekk il-jedd tieghu *prima facie* ma jkunx tutelat bil-hrug tal-Mandat, irid ikun **irrimedjabbli** – dan skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna. Mhux bizzejjed li jkun sempliċi diffikulta', disagju jew thassib [ara – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors ghall-hruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

B`irrimedjabbli wiehed ghandu jfisser illi l-hsara li minnha r-rikorrent ikun qed jilmenta, tkun

wahda tali illi ma tistax tissewwa mod ieħor. **Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha**, **mqar b'deciżjoni wara li jiġi mistharreġ il-kaz fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element mehtieg għall-hrug tal-Mandat** (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili – **2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-hruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef**). Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem. Issa dan ma jfissirx li ghax tkun intlaqghet talba ghall-hrug tal- Mandat, allura l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Illi inoltre, meta si tratta ta' mandat ta' impediment ta' partenza ta' minuri, il-Qorti ghandha tigi gwidata primarjament mill-interess suprem tal-minuri.[1]

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat illi l-partijiet ghaddejjin minn proceduri ta' medjazzjoni sabiex apparti s-separazzjoni personali bejn il- kontendenti, jigu wkoll regolati il-kura u l-kustodja, u l-access tal-minuri. Illi jirrizulta li l-attrici prezentement qieghda tirrisjedi fid-dar tal-genituri taghha wara li l-konvenut kecciha mid-dar matrimonjali u sabiex tiehu lit-tifla maghha, filwaqt li s-subien ghadhom qed jirrisjedu ma missierhom fid-dar matrimonjali.

Il-Qorti tibda l-ewwel nett biex tirrileva il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma l-partijiet *viva voce*. Illi hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-attrici kienet anzjuza u bezghana anke sakemm xehdet fil-presenza tal-intimat. Jidher illi l-attrici effettivament tibza' mill-azzjonijiet u r-reazzjonijiet li jista' jkollu zewgha issa li fethet proceduri ta' medjazzjoni. Illi ciononostante, l-attrici dejjem kienet konsistenti f'dak li qalet u cioe: li zewgha dejjem kien hu li jiehu wahdu, d-decisjonijiet kollha tal-familja; illi huwa minnu li hi ma rieditx tmur il-L lanqas fis-sena 2013 tant li zewgha ma kienx ihalliha tigi lura Malta bit-tfal ghaliex kien jahseb li jekk jakkompanjawha t-tfal, ma

[1] Vide per ezempju **Gordon Caruana Dingli vs Michelle Caruana Dingli,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 13 ta' Lulju 2001.

kienitx ser tirritorna l-L. Inoltre, jidher illi, inzijalment, l-attrici kienet *allo scuro* tal-iskopijiet ta' zewgha ghal dak li jikkoncerna l-bejgh tad-dar matrimonjali u l-partenza taghhom lejn il-L, tant, li saret taf b'dan kollu biss minghand uliedha. Barra minn hekk, il-Qorti rat illi meta giet mistoqsija ghal raguni tal-intavolar ta' dawn il-proceduri, wiegbet illi ma kienitx sa fejn seta' jasal zewgha.

Din il-Qorti dejjem irriteniet illi l-mandat t'impediment ta' partenza ta' minuri huwa mizura straordinarja li ghandha tintuza fl-ahjar interess tal-minuri, u mhux sabiex genitur ikun jista' jzomm li genitur l-iehor ostagg. Illi l-Qorti tosserva illi ghalkemm jirrizulta li effettivament il-passaporti Maltin tat-tfal fil-pussess tal-attrici kienu skaduti u li l-konvenut taht gurament xehed illi l-minuri m'ghandhomx passaport L, il-Qorti tibqgha koncernata, u dana fid-dawl tar-rikors b'urgenza tad-Direttur (Registrazzjoni Civili) u tal-Kummissarju tal-Pulizija bhala Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni datat 22 ta' Dicembru 2020 fejn gie rilevat illi minn investigazzjonijiet li ghamlu, **tirrizulta l-possibilita' li l-minuri gia' ghandhom passaporti mahruga mill-Awtoritajiet tal-L.** Fl-eventwalita' li dan huwa minnu, dawn il-passaporti gialadarba mahrugin minn Awtoritajiet barranin huwa evidenti li dawn il-passaporti ma jistghux jigu depozitati taht l-Awtorita ta' din il-Qorti.

Fil-fehma tal-Qorti **il-biza' tal-omm hija bizgha reali**. Tenut kont tal-fatt illi l-L m'hijiex pajjiz firmatarju tal-Konvenzjonijiet ta' l-Aija li jipprotegu l-minuri, it-tehid abbuziv tal-minuri minn genitur, lejn dak il-pajjiz jista' jkollu konsegwenzi gravi ghall-benenessere tal-minuri u cioe' konsegwenzi irrimedjabbli.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi r-rekwiziti kollha tal-ligi ghall-Hrug ta' Mandat t'Impediment ta' Partenza ta' minuri jikkonkorru.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement tinibixxi lill-intimat HE milli jiehu jew li jippermetti lil xi hadd jiehu lit-tlett imsemmija minuri barra mill-gzejjer ta' Malta u Ghawdex u cioe' lil:**

**B, imwieled Malta nhar X;**
**C mwieled Malta nhar Y; u**
**D mwielda Malta nhar Z;**

**Inoltre, tordna n-notifika ta' din id-decizjoni lill-Awtoritajiet Kompetenti skond il-ligi b'ordni li ma johorgux, u/jew ma jikkonsenjawx, passaport li fih ikun hemm imdaħħal l-**

**imsemmija minuri fuq indikati u biex ma jdahhlux l-ismijiet tal-minuri fuq indikati fil-passaport tar-rappreżentanti legali tal-intimat jew fil-passaport ta' persuna oħra.**

**Il-Qorti tordna illi kopja ta' dan id-digriet jigi notifikat lill-Awtoritajiet koncernati.**

**Moghti kameralment illum**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**